MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 263/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**JOHN VELLA bin Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled nhar t-tnejn w ghoxrin [22] ta' Jannar, 1968 u residenti 106, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 3468G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOHN VELLA** bin Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled nhar t-tnejn w ghoxrin [22] ta' Jannar, 1968 u residenti 106, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 3468G gie mressaq quddiemha w akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur u anki nhar il-hamsa w ghoxrin [25] ta' Mejju 2005 bi hsara tas-sidien jew tad-detenturi l-konjugi Jude sive Teddy

Sacco u martu Esther Sacco, ikkommetta vjolazzjoni kontra l-propjeta taghhom billi pogga 'containers' u ngenji ohra f'bicca art msejjha 'Ta Wied Siekel' u li tinsab fil-limiti ta' Fontana, Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kuntratt in kwistjoni, pjanta tal-lok in dezamina w r-ritratti .

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil George Sacco, lil Teddy Sacco, lil Anthony Mercieca, u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-dsatax ta' Ottubru 2006.

Peress li **l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha, il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat JOHN VELLA hati taghha u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------